## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002
Educational Assessment Unit - Education Division

**Form 3 | STORJA (ĠENERALI) | Ħin: 1 h 30 min**

Name: ____________________________ Class: _________________

**1. Imla l-vojt kif jidhirlek li hu l-aħjar.**

1.1 Il-Belt Valletta nbniet bit-toroq għamla ta' ____________________ .

1.2 L-aktar post fqir fil-Belt Valletta fejn marru joqogħdu l-Maltin sar magħruf bħala l-

______________________ .

1.3 ______________________ saret il-belt ewlenija ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri.

1.4 L- ____________________ ta' spiss kien ikollu l-inkwiet mal-Granmastru.

1.5 L-aqwa sptar f'Malta li nbena mill-Kavallieri kien jissejjaħ _______________________ .

1.6 Il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-Belt fi żmien il-Granmastru Pinto inbidel biex saret _________________ .

1.7 Subborg li kiber fi żmien il-Kavallieri viċin il-Port il-Kbir kien ____________________ .

1.8 L-Imdina kienet restawrata fis-seklu tmintax wara li kienet kważi ġġarfet fl-1693 minħabba

____________________ qawwi.

1.9 Il-Franċiżi li ħadu l-gżejjer fl-1798 kienu mmexxija mill-Ġeneral ___________________.

1.10 Industrija li kienet tipprovdi l-għixien għall-bosta Maltin fi żmien il-Kavallieri kienet

______________________ . **(20 marka)**

**2. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.**



Fl-1572 il-Gran Mastru talab lil Ġlormu Cassar iħejji l-pjanti ta' knisja kbira. Il-ħsieb kien li l-bini jibqa' sejjer sa fejn illum hemm il-Bibljoteka, iżda minħabba xi diffikultajiet il-pjan tħassar.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-1 ta' Novembru 1573 u l-knisja tlestiet fit-22 ta' Ġunju 1577. L-ispejjeż tħallsu mill-Granmastru innifsu li ħallielha wkoll xi renti li l-Ordni kien wiret . . . Tbierket mill-arċisqof ta' Monreale fi Sqallija, Monsinjur Lodovik Torres.

Hekk kif ġara meta s-swar ta' madwar il-belt tqassmu lis-seba' lingwi, ukoll f'din il-knisja l-kappelli ngħataw f'idejn kull waħda.

(Silta minn *Ġrajjet Malta III*, paġna 33)

2.1 (i) Is-silta li qrajt hi sors primarju jew sekondarju? ______________________________ (1)

(ii) Għaliex taħseb hekk? ______________________________ (2)

2.2 (i) Liema hi l-knisja li tissemma fis-silta? ______________________________ (1)

(ii) Fejn insibu din il-knisja? ______________________________ (1)

2.3 Min kien il-Granmastru li jissemma fis-silta? ______________________________ (2)

2.4 X'rabta hemm bejn din il-knisja u l-Kavallieri ta' San Ġwann?

______________________________ (2)

2.5 (i) X'kien ix-xogħol ta' Ġlormu Cassar? ______________________________ (1)

(ii) Semmi xi post ieħor f'din il-belt stess marbut ma' dan il-bniedem.

______________________________ (2)

2.6 (i) X'tifhem bil-kelmiet is-seba' lingwi kif użati fis-silta?

______________________________ (2)

(ii) Semmi tnejn minnhom? ______________ ______________ (2)

2.7 F'liema minn dawn il-festi kienet issir quddiesa solenni f'din il-knisja fi żmien l-Kavallieri?

( il-Vitorja - l-Imnarja - il-Karnival - is-*Sette Giugno* )

2.8 Liema pittur u skultur żejjen din il-knisja bejn l-1661 u l-1667? ______________ (2)

2.9 Kwadru tal-pittura tal-Caravaggio li jinsab fl-Oratorju ta' din il-Knisja juri l-

______________________________ (2)

**(20 marka)**

**3. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarhom:**







**Sors A** **Sors B** **Sors ¬**

3.1 (i) X'tissejjaħ il-biċċa tal-baħar immarkata bl-ittra A? G ________________________ (2)

(ii) Kif kienet timxi fuq il-baħar meta kien ikun ir-riħ? ________________________ (1)

(iii) Kif kienet timxi fuq il-baħar meta ma kienx hemm riħ? ________________________ (1)

3.2 (i) Liema bandiera kienu jużaw biċċiet tal-baħar Maltin fi żmien il-Kavallieri?

________________________________________________________________ (2)

(ii) Penġi din il-bandiera fil-kaxxa li hawn fil-ġenb. (2)

3.3 (i) X'kienu jissejħu l-irġiel li jinsabu f'sors B? ________________________ (1)

(ii) Kif kienu jsibu ruħhom hemm?

________________________________________________________________ (2)

3.4 (i) X'kien jissejjaħ ir-raġel f'sors ¬? (*bonavolja, kursar, kaptan, argużin, baħri*) (1)

(ii) X'kien ix-xogħol tiegħu? ________________________________________ (2)

3.5 Uri f'paragrafu qasir l-importanza li kellha l-industrija tas-sibi għall-Maltin.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (6)

**(20 marka)**

**4. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi. Agħżel ĦAMSA minnhom u wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuqhom.**

(i) Għid x'qed tara f'kull sors li għażilt.

(ii) Għid x'rabta għandu kull sors li għażilt ma' l-istorja ta' Malta.

| | |
|---|---|
| **4.1**  | |
| **4.2**  | |
| **4.3**  | |
| **4.4**  | |

| | |
|---|---|
| **4.5**  | |
| **4.6**  | |
| **4.7**  | |
| **4.8**  | |

**(5 x 4 = 20 marka)**

**5. Ikteb komponiment fuq WIEĦED minn dawn it-temi.**

5.1 Kif u għaliex inbniet il-Belt Valletta? Ikkummenta dwar il-bini li kien inbena fl-ewwel snin li l-Kavallieri marru joqogħdu fiha.

5.2 Immaġina li tressaqt quddiem il-Qorti ta' l-Inkwiżitur. Irrakkonta l-esperjenza tiegħek lil xi ħadd tal-familja.

5.3 Liema huma il-bliet iffortifikati mill-Kavallieri f'Malta u f'Għawdex. Uri kif il-Kavallieri ħadu ħsieb isaħħuhom għal kontra l-ħbit mit-Torok.

5.4 Iddeskrivi xi wirt mibni ta' żmien il-Kavallieri. Għid x'użu kellu dari u llum u x'importanza għandu bħala parti mill-wirt storiku ta' pajjiżna.

5.5 Iddeskrivi l-ġrajjiet importanti li għaddew minnhom il-gżejjer Maltin f'Ġunju ta' l-1798.

**(20 marka)**